**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 05/08(15_05_08).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Mejju 2008, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sinjura Carmen Said u s-Sur Patrick Grima - Kunsilliera.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-13 ta' Mejju 2008.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Il-Laqgħa tal-Lokalita'.
6. Sehem il-Kunsill fil-Festa tal-Munxar.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Il-Proġett tal-*Playing Field*.
9. Rapport tal-Kumitat għax-Xlendi.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Avv. Tatiane Cassar għan-nom tad-Direttur, Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill ġie nterpellat sabiex iħallas fi żmien ġimgħa mid-data tal-preżenti s-somma ta' €2,902 *(Lm1245.83)* dovuti lill-Public Cleansing Section li jifforma parti minn dan id-Dipartiment. Il-Kunsill ġie avżat li fin-nuqqas ta' dan ser jipproċedu kontra l-Kunsill skond il-liġi nkluż il-ħruġ tal-mandati opportuni.

2.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* rigward sensiela ta' programmi kulturali, edukattivi u ta' divertiment għall-familja kollha proposti lill-Public Broadcasting Services sabiex jintwerew fuq it-televixin għall-iskeda tas-Sajf. Ingħatat informazzjoni dwar il-pjanijiet li hemm f' dan ir-rigward u ntalbet laqgħa mal-Kunsill sabiex jiġi diskuss f' aktar dettal kif il-Kunsill jista' jipparteċipa u jgħin.

2.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Gordon Pace, Head of Fundraising, Ir-Razzett tal-Ħbiberija rigward l-attivita' Charity 12 li ser tiġi organizzata fis-7 ta' Ġunju 2008 minn nofsinhar sa nofsillejl, fir-Razzett tal-Ħbiberija u li ser tiġi mxandra fuq diversi stazzjonijiet tat-televixin u radio. Huwa tkellem dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom u talab lill-Kunsill sabiex jagħmel id-donazzjoni tiegħu.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ħabbar li fil-5 ta' Mejju 2008 ser jibda jsir il-ġbir ta' skart separat minn Għawdex u wara jsegwi wkoll minn Malta. Għalkemm hawn ħafna lokalitajiet li huma lesti biex jibdew il-ġbir b' mod immedjat, hemm ftit lokalitajiet fejn il-kupuni rċevewhom tard u allura għadhom ma ġabrux il-boroż. Huwa japprezza li dawn il-Kunsilli jifhmu din il-kontinġenza u jgħinu sabiex ir-residenti jkollhom żmien biżżejjed li jieħdu l-boroż mill-Kunsill. Huwa f' isem sħabu rringrazzja lill-Kunsilli tal-koperazzjoni u awgura suċċess u ambjent aktar nadif.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Ronnie Said, Malta Classic Car Collection rigward il-Malta Classic Car Museum. Huwa rrakkonta ftit mill-*history* ta' din il-kollezzjoni u l-Mużew u tkellem anke' dwar kif jinsabu llum. Barra dan, huwa indika wkoll l-indirizz tas-sit elettroniku għal aktar informazzjoni. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jorganizza ħarġiet fi gruppi għal dan il-Mużew u għaldaqstant jingħata skont fil-prezz.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Dr Gabriella Pace, CEO, Forum Malta fl-Ewropa rigward il-Konferenza 'Going Green: Tapping EU Funding for Energy and the Environment' li ser issir fl-14 ta' Mejju 2008, fil-Westin Dragonara Resort. Hija bagħtet il-programm u formola ta' reġistrazzjoni u ħeġġet lill-Kunsill sabiex jattendi.

2.07 Il-Kunsill irċieva *reminder* permezz ta' *e-mail* mingħand is-Sur Reno Grech, Focus Group Rapporteur, Ministeru għal Għawdex sabiex il-Kunsill jattendi għall-*meeting* tal-Focus Group dwar 'Social Inclusion – Local Councils and Parishes', li ser isir fis-6 ta' Mejju 2008, fl-NGO Centre, Xewkija.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fit-18 t' April 2008, ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Nicola Borg Costanzi, PRO, Malta Canoe Federation rigward l-attivitajiet li ser jorganizzaw lill-pubbliku fl-1 ta' Mejju 2008, madwar u fis-Sliema Water polo Pitch. Għalkemm l-użu ta' l-apparat fl-attivitajiet ser ikun bla ħlas, id-donazzjonijiet ikunu apprezzati ferm. Il-Kunsill irċieva l-*flyer* bil-programm u ġie mitlub sabiex jgħaddi dan il-*flyer* lil ħaddieħor.

2.10 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar li l-MEPA bagħtet lil sidien ta' sit fix-Xlendi. Dan kien rigward sit fi Triq ir-Rabat u Pjazza Anfori minħabba żvilupp mhux skond il-pjanti approvati f' PA1018/07 datat 1 t' Ottubru 2007, billi sar ksur tal-kundizzjonijiet 18, 19 u 23 u dan billi twaħħlet tinda magħluqa, liema tinda tpoġġiet mal-wisa' kollha tal-bankina u tpoġġew aktar imwejjed u siġġijiet minn dawk approvati u qegħdin jitħallew fuq il-bankina wara li jagħlaq il-ħanut.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Mariella Grixti u Ms Maria Mallia, medEcology eco-counselors fejn infurmaw lill-Kunsill li f' isem il-WasteServ Malta Ltd. il-medEcology ser terġa' torganizza laqgħat dwar l-immaniġjar ta' l-iskart fit-30 t' April 2008, fl-NGO Centre, Xewkija. Din id-darba huma mistiedna s-Sindki u l-Kunsilliera u jistgħu jattendu wkoll dawk l-Uffiċjali tal-Kunsilli Lokali li ma setgħux jattendu l-aħħar laqgħa.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Noel Formosa, Sindku ta' San Lawrenz u Rappreżentant Reġjonali rigward 'Laqgħa ma' Espert Taljan dwar il-GAL' li ser issir fis-6 ta' Mejju 2008, fil-Ministeru għal Għawdex. F' din il-laqgħa ser tingħata aktar informazzjoni u diretta dwar opportunita' li tista' tkun utli għall-gżira tagħna ħalli kemm jista' jkun jiġu sfruttati aktar fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill irċieva anke' l-istatut.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Fabienne Grech, Dipartiment tal-Customer Services, Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, rigward quddiesa għall-anzjani kollha fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm fil-11 ta' Mejju 2008, fis-Santwarju Ta' Pinu. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jinforma lill-anzjani peress li mhux ser jintbagħtu avviżi fid-djar għal din l-attivita'.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Annaliz Zammit, Where's Everybody rigward il-Gozo 1234. Hija bagħtet il-programm ta' l-attivitajiet li ser isiru fil-Munxar u fix-Xlendi u talbet *no objection letter*. Hija indikat il-ġranet u l-postijiet li fihom ma għandux isir *parking* u rringrazzjat lill-Kunsill tal-koperazzjoni tiegħu.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 01175/08 – *To amend façade of multi-purpose hall at first floor and include niche* fil-Bajja tax-Xlendi, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 01590/08 – *Proposed duplex flat, lift and sanctioning of variations in façade* fi Triq il-Qroll, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* sabiex jinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill il-periklu li hemm f' żewġt siti fi Triq ir-Ranċis, Xlendi u tinda fil-Bajja tax-Xlendi li okkupat il-wisa' tal-bankina kollha. Il-Kunsill għadda din l-*e-mail* f' idejn il-MEPA .

2.17 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Avv. Angele Formosa fejn infurmat lill-Kunsill li peress li l-Onor. Chris Said huwa Segretarju Parlamentari u ma jistax jipprattika l-professjoni ta' Avukat waqt li għandu dan l-inkarigu, huwa ddelega lilha x-xogħol tiegħu. Peress li l-Onor. Chris Said kien l-Avukat li kien jirrappreżenta lill-Kunsill, hija għarrfet li huwa l-pjaċir tagħha li testendi s-servizzi professjonali tagħha lill-Kunsill bl-istess kundizzjonijiet u għaldaqstant talbet lill-Kunsill sabiex jibgħatilha ittra ta' rikonoxximent.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Noel Formosa, Sindku ta' San Lawrenz u Rappreżentant Reġjonali b' korrispondenza li rċieva mingħand is-Sur Manuel Tabone, Head of Secretariat, Office of the Parliamentary Secretary The Hon. Chris Said. L-Onor. Chris Said wera x-xewqa li jiltaqa' mas-Sindki u l-Kunsilliera Għawdxin u għaldaqstant ser issir laqgħa fil-15 ta' Mejju 2008, fil-Kunsill Lokali tal-Qala. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jattendi.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Maltese Olympic Committee rigward l-Olympic Day Run 2008 li din is-sena ser issir fit-22 ta' Ġunju 2008. F' din *e-mail* ingħata xi tagħrif dwar din l-attivita' u anke' l-indirizz tas-sit elettroniku u l-Kunsill intalab iwassal din l-informazzjoni lil ħaddieħor. Barra dan, il-Maltese Olympic Committee ser torganizza *regional Medical Seminar* mid-29 ta' Mejju 2008 sal-1 ta' Ġunju 2008, fl-Old University Buildings, Valletta għall-prezz ta' €35 *(Lm15.03)*.

2.20 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari mingħand is-Sur Mario Borg, Taqsima Żgħażagħ, Segretarjat Parlamentari Żgħażagħ u Sport sabiex tinġieb għall-attenzjoni taż-żgħażagħ tal-lokalita'. Din iċ-Ċirkulari kienet bit-tema 'APS Bank and the Parliamentary Secretariat for Youth and Sport launch the Youth Specilisation Studies Scheme 2008 (YSSS)'.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur David Apap, Sindku, Kunsill Lokali Għarb fejn informa lill-Kunsill li fl-14 ta' Mejju 2008, ser issir laqgħa tal-LAG Committee fejn ser jinqara l-istatut sabiex jiġi approvat u jekk ikun hemm bżonn li jsiru xi korrezzjonijiet jistgħu jsiru waqt il-laqgħa. Huwa nforma wkoll li fil-15 ta' Mejju 2008, ser jiltaqa' l-Kumitat Rappreżentattiv tal-LAG sabiex jiġi ffirmat dan l-imsemmi statut.

2.22 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Tonio Fenech, Ministru, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment rigward 'Seminar in preparation of the Pre Budget Document 2009' bit-tema 'Towards Sustainable Development in our Localities' li ser isir fl-20 ta' Mejju 2008, fil-Mediterranean Conference Centre, Valletta. Huwa tkellem dwar l-iskop ta' dan is-*seminar* u stieden lill-Kunsill sabiex jattendi.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *e-mail* li s-Sur Rueben Said mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, Għawdex bagħat lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp rigward *Taxi Stand* li kien hemm fejn sar twassigħ ta' bankina fi Triq ir-Rabat. Huwa qed jitlob li din it-tabella terġa' titwaħħal.

3.02 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta fix-Xlendi. Hija qed tilmenta dwar id-daħla tal-Munxar peress li l-ħamrija għada ma tferrxitx u t-tumbata qed tirrendi t-triq fi *blind corner*. Din il-persuna ilmentat ukoll dwar l-istat ta' Triq il-Qsajjem minħabba li wiċċ it-triq ċeda bil-piż tat-trakkijiet. Rigward l-ewwel ilment, dan ġie riżolt xi jiem ilu. Dwar wiċċ Triq il-Qsajjem, id-Direttur, Proġetti u Żvilupp kien qed jieħu l-passi meħtieġa.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand residenta fix-Xlendi. Hija qed titlob sabiex is-slielem tax-Xlendi jerġgħu jitwaħħlu. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-slielem huma lesti u għandhom jitwaħħlu hekk kif jibnazza l-baħar.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand resident minn Sannat rigward *dumping* ta' skart u l-impatt fuq it-Turiżmu. Huwa qed iħeġġeġ lill-Kunsill biex inaddaf dawk il-postijiet li ntefa' skart fihom. Ma' l-ittra kien hemm ukoll żewġt ritratti ta' skart mitfugħ fl-art.

3.05 Il-Kunsill irċieva mingħand il-KIP Għawdex Ltd. lista ta' stabbilimenti li għandhom kuntratt biex skart jinġabar mill-Kuntrattur. Jidher li nofs l-istabbilimenti tax-Xlendi ma għandhomx kuntratt. Ġie deċiż li din il-lista tingħata lit-Taqsima ta' l-*Enforcement* tal-Malta Tourism Authority.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo College rigward *sponsor* tal-*booklet* tal-PSD ta' €35.00 *(Lm15.03)*. Ġie deċiż li s-Sindku jiċċekkja jekk Kunsilli oħra humiex jikkontribwixxu f' dan ir-rigward.

3.07 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li l-Kap tat-Traffic Management Unit bagħtet lill-Perit Samuel Formosa rigward *Traffic Management* madwar il-*Playing Field* il-ġdida u l-Pjazza tal-Knisja. Qed tingħata approvazzjoni tal-proposti kollha.

3.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Georgine Grech fejn informat lill-Kunsill li kien hemm kawża bejn is-Sur Joseph Parnis u s-Sur Joseph Camilleri u qed titlob li sakemm isir xi kejl, il-bankina ma tintmessx.

3.09 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Georgine Grech fejn informat lill-Kunsill li huwa importanti li għalissa l-bankina ma tintmessx.

3.10 L-Avukat Mario Scerri wieġeb li x-xogħol ser jieqaf sakemm isir il-kejl u mhux sakemm tinqata' din il-kawża.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 05/08(15_05_08).

**5.00 Il-Laqgħa tal-Lokalita'.**

5.01 Il-Kunsill iddeċieda li l-Laqgħa tal-Lokalita' ssir nhar il-Ħamis, 12 ta' Ġunju 2008, fis-6 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u fis-7 ta' filgħaxija fil-Lukanda St. Patrick's, ix-Xlendi.

**6.00 Sehem il-Kunsill fil-Festa tal-Munxar.**

6.01 Fil-laqgħa kien hawn preżenti l-Kappillan Dun Tonio Galea. Huwa f' isem il-Kumitat Organizzattiv tal-Festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar, qed jitlob sabiex għall-okkażżjoni tal-Festa Parrokkjali l-Kunsill jisponsorja:

- Is-Serata ta' Għana Malti li ser issir il-Ħamis, 22 ta' Mejju li tkun €233 *(Lm100)*.
- L-*Entertainment* li ser isir il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju waqt l-Ikla tal-Festa, dan ikun jinkludi l-Brass Band €370 *(Lm158.84)*, Freddie Portelli €250 *(Lm107.33)* u *sound* €120 *(Lm51.52)* għal total ta' €740 *(Lm317.68)*.
- Banda ta' l-Iscouts għat-Translazzjoni s-Sibt, 24 ta' Mejju. €233 *(Lm100)* għall-Banda + spejjeż vapur €38 *(Lm16.31)* u trasport Mġarr – Munxar – Mġarr.
- It-Tiġrija tal-Bhejjem li ser issir il-Ħadd, 25 ta' Mejju €1280 *(Lm549.50)*.

Kien hemm qbil dwar dan.

6.02 Is-Sindku semma wkoll li s-soltu l-Kunsill jagħmel żewġt *Mobile Toilets* fil-Pjazza u jħallas għall-*High Up*. Kien hemm qbil dwar dan.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien sar xogħol ta' *patching* f' diversi toroq tal-Munxar. Issa jmiss li jinżebgħu s-sinjali fit-toroq. Fix-Xlendi saret trinka sabiex jinbidel il-*main* li jissupplixxi d-dawl tal-fanali li hemm fuq il-moll tax-Xlendi.

**8.00 Il-Proġett tal-*Playing Field*.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kuntrattur kien neħħa l-ħamrija mill-għalqa u tpoġġiet fil-*Playing Field*. Il-Kuntrattur kien qed ikompli l-*culvert* sabiex il-ġiebja tkun tista' tintela bl-ilma tax-xita.

**9.00 Rapport tal-Kumitat għax-Xlendi.**

9.01 Il-Kumitat tax-Xlendi ltaqa' għall-ewwel darba nhar l-Erbgħa, 14 ta' Mejju 2008. Fil-laqgħa kien hemm preżenti: iċ-*Chairman* tal-Kumitat - is-Sur Mario Camilleri, s-Sur Emanuel Bajada, s-Sur Martin Isherwood, is-Sur Peter Paul Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv - is-Sur Anthony Grech. Is-Sinjura Ramona Mercieca kienet skużata.
Il-laqgħa bdiet billi saret introduzzjoni miċ-*Chairman* is-Sur Mario Camilleri. Huwa skuża ruħu mal-membri għall-fatt li s' issa kienet għada ma saritx laqgħa ta' dan il-Kumitat. Huwa għadda biex spiega lill-membri r-rwol ta' dan il-Kumitat fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Munxar. Il-membri kollha talbu sabiex huma jkunu kkonsultati dwar xogħlijiet u deċiżjonijiet li jittieħdu dwar il-Bajja tax-Xlendi.
Fil-laqgħa tqajjmu dawn il-punti:

9.02 Is-Sur Peter Paul Sciberras ġibed l-attenzjoni taċ-*Chairman* li fi Triq ir-Rabat hemm Palma f' nofs il-bankina u tinsab perikoluża u għalhekk għandha titneħħa. Huwa ssuġġerixxa wkoll li l-arloġġ tax-Xlendi jittranġalu l-ħin u ssuġġerixxa li jkun hemm persuna li jkollha ċ-ċavetta biex tirregola l-ħin. Is-Sur Sciberras ilmenta li l-Pulizija li jkunu fl-Għassa tax-Xlendi ma humiex jieħdu ħsieb u għalhekk għandha tinġibed l-attenzjoni ta' dan in-nuqqas.

9.03 Is-Sur Emanuel Bajada rrimarka li l-lampi ta' Triq it-Torri, Xlendi ma humiex imqassma sew fit-triq, fejn hemm anke' bozoz fi sqaq privat. Huwa qed jissuġġerixxi li f' din it-triq isiru fanali fuq il-bankina. Huwa ssuġġerixxa li għax-Xlendi jsir *Area Manager* għaliex ma huwiex sew li ż-żibel fix-Xlendi jinġabar fi tlett kollezzjonijiet fl-istess ġurnata. Huwa reġa' enfasizza li t-toroq ma humiex jinkinsu regolarment.

9.04 Is-Sur Martin Isherwood issuġġerixxa li fis-Sajf tibda ssir it-tieni ġabra ta' skart fl-istess ġurnata peress li ħafna mill-viżitaturi tax-Xlendi qed joħorġu ż-żibel wara li ssir il-kollezzjoni.

9.05 Kien hemm diskussjoni dwar kif għandu jingħata servizz ta' ġbir ta' *swill* mill-istabbilimenti ta' l-ikel. Kien hemm qbil li l-aħjar sistema hija li l-Kuntrattur jipprovdi *truck* b' ħaddiem miegħu u jitpoġġa fil-*parking* mill-ħdax ta' bil-lejl sa nofsillejl. L-istabbilimenti jieħdu l-iswill fit-*truck* u jħallsu skond kemm jitfgħu.
Kien hemm suġġeriment li fix-Xlendi jsiru *bins* għas-separazzjoni ta' skart.

9.06 Il-Kunsill iddiskuta s-suġġerimenti li saru mill-Kumitat. Dawn huma l-kummenti tal-Kunsill:

- Il-Kunsill jaqbel li l-Kumitat jiġi kkonsultat.
- Rigward fanali fi Triq it-Torri, dawn qabel ma jsiru, hemm prijorita' għall-fanali fuq ix-Xtajta.
- Dwar l-Arloġġ tax-Xlendi, l-Kunsill ser isaqsi lill-Enemalta Corporation.
- Il-Kunsill ser jikteb lid-Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika sabiex it-toroq tax-Xlendi jinkinsu aktar spiss.
- Il-Kunsill ma jaqbilx li fix-Xlendi jsir *Area Manager* peress li l-membri tal-Kunsill flimkien mal-membri tal-Kumitat tax-Xlendi flimkien ma' l-impjegati tal-Kunsill qed jieħdu ħsieb huma.
- Meta saret proposta lis-sidien ta' stabbilimenti sabiex jagħmlu użu mit-*truck* li jkun jistenna fil-*Parking,* ma qablux peress li kulħadd għandu ħin differenti f' liema ħin jagħlaq.
- Il-Kunsill kien ser jikkuntatja lill-Pulizija biex dawk il-Pulizija xogħol fl-Għassa tax-Xlendi jaqdu d-doveri tagħhom sew.
- Is-suġġeriment għal *bins* ta' separazzjoni ta' skart trid tiġi amalgamata fil-pjan nazzjonali għall-immaniġjar ta' skart.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed issir pressjoni fuq l-Inġinier Renzo Curmi sabiex ilesti r-rapport tiegħu dwar proposti sabiex issir skema ta' dawl ġdid fix-Xlendi. Hekk kif dan ir-rapport ikun lest, dan jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv kien kellem lill-Kumpanija li tissupplixxi *Web Cams cordless* biex titpoġġa fil-Pjazza tal-Knisja u fil-Knisja biex jixxandru l-funzjonijiet tal-Knisja u l-attivitajiet tal-Festa. Din il-Kumpanija qed titlob is-somma ta' €2,500 *(Lm1073.25)*. L-istess sistema iżda bil-*cable* mill-Kunsill għall-Pjazza ser tiswa €515 *(Lm221.09)*, kiri ta' *high up* u *camera* mhux inkluż. Kien hemm qbil li ssir din is-sistema bil-*cable* u l-Kunsill ixandar fuq l-*internet* il-funzjonijiet tal-Knisja u l-attivitajiet tal-Pjazza fil-ġranet tal-Festa.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill għamel talba lill-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku biex isiru *cat's eyes* u *glass markers* fit-toroq tad-daħla tal-Munxar. L-istima hija ta' €1115.00 *(Lm478.67)*. Kien hemm qbil sabiex dan ix-xogħol isir.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.15 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju 2008, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***